**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:
DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**
(Spetturi N Harrison/C Pullicino)
**vs**
**Christopher Spiteri**

Illum 13 ta` Frar 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Christopher Spiteri, ta` 24 sena, bin Saviour u Anna nee` Galea, imwieled Mtarfa fil-31 ta` Ottubru 1977 u joqghod 63 Triq il-Markiz Scicluna, Naxxar, ID 550077 M; talli f`dawn il-Gzejjer fit-2 ta` Dicembru 2001 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, meta ma kienx fil-pusses ta` awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni, mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern,

skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort`ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b`xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta` Malta, li jkollu d-droga fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu, ghall-uzu tieghu, skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 ta-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta.

Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, meta ma kienx fil-pusses ta` awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni, mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort`ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b`xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta` Malta, li jkollu d-droga fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu, ghall-uzu tieghu, skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 ta-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta.

Talli sar recidiv b`zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta` Malta fis-16 ta` Marzu 1999 u fil-15 ta` Dicembru 1999.

Talli wkoll kiser il-kundizzjonijiet ta` sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta` Malta fl-20 ta` Frar 2001.

Rat in-nota tal-Avukat Generali;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati;

Rat ir-raba` u s-sitt taqsima tal-Kapitolu 101, l-Avviz Legali 292/1939 kif emendat.

Rat li l-akkuzat hu recidiv skond iz-zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16 ta` Marzu 1999 u l-15 ta` Dicembru 1999.

Rat li l-akkuzat kiser il-kundizzjonijiet ta` sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta` Frar 2001.

Rat l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 u l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9.

Wara li semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-Prosekuzzjoni, ser tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu, jigifieri l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152, billi l-akkuzat ikkoopera bis-shih mal-pulizija u bhalissa qieghed that il-kura, bit-tama li fl-ahhar jibdel jahtu u qed taghtih l-ahhar opportunita`.

Ghalhekk filwaqt li ssibu hati, **tilliberah that il-provvedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152, b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mill-lum** u li jissokta l-kura.

Il-Qorti qed twissi lill-hati skond il-ligi.

Vera kopja.

Dr Jos Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.